MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 112/2012

**Attard & Co (Foodstuffs) Limited**

**Vs**

**C&C Caterers Limited u Claude Paris in solidum**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Attard & Co (Foodstuffs) Limited fit-28 ta’ Marzu 2012 permezz ta’ liema titlob li s-socjetà C&C Caterers Limited u Claude Paris jigu kkundannati in solidum bejniethom ihallsuha is-somma ta’ hamest elef seba’ mija disgha u sebghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€5,779.93) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata minnha u li ghaliha Claude Paris obbliga ruhu bhala debitur in solidum mas-socjetà C&C Caterers Limited, bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-

Rikors, kontra s-socjeta’ C&C Caterers Limited u Claude Paris in solidum;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 2 sa’ 5 tal-process;

Rat li s-socjetà C&C Caterers Limited u Claude Paris gew notifikati bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta izda, naqsu milli jipprezentaw Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehru ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta C&C Caterers Limited u ta’ Claude Paris u rat li l-istess konvenuti naqsu milli jidhru halli jirrispondu ghalih;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta u l-konvenut in solidum jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta’ €5,779.93 rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata minnha u li ghaliha Claude Paris obbliga ruhu bhala debitur in solidum mas-socjetà C&C Caterers Limited u dan kif jirrizulta mill-fattura Dok. “A” u mill-ftehim Dok. “B” annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa’ 5 tal-process.

Is-socjetà konvenuta u l-konvenut l-ghad illi notifikati bir-Rikors promotur naqsu milli jipprezentaw Risposta ghat-talba attrici u lanqas dehru biex jirrispondu ghall-Kapitolu li gie pprezentat fil-konfront taghhom. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-Kapitolu jirrizulta mistqarr.

Fid-dawl tal-fatt li t-talba attrici u d-dokumenti esebiti minnha ma gewx kontradetti mill-konventui u fid-dawl tal-fatt li l-Kapitolu pprezentat fil-konfront ta’ l-istess konvenuti

jirrizulta mistqarr, il-Qorti tqis li t-talba attrici hija gustifikata u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u lill-konvenut in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5,779.93, bl-imghax legali dekoribbli minn sittin (60) gurnata wara d-data ta' kull fattura dovuta sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat konteswalment mar-Rikors promotur jibqghu a karigu tal-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------